# IL-PRESEPJU TA' DUN ĠWANN F'ĦAL QORMI [*]

JOE ELLUL

Dun Ġwann; kont xidja ma saqajh! Żmien qabel tħabbibt miegħu kien għamel presepju jiċċaqlaq, imma dak ma niftakrux. Kien joqgħod fi Sqaq tas-Sorijiet Agostinjani bieb ma' bieb, u kellu l-*workshop* żewġ bibien 'l isfel, fejn kien jaħdem biċċiet mill presepju li kien jarma f'kamra mdaqqsa fid-domus Papa Piju X, li kien immexxi minn ħuh Dun Manwel. Biex jaħdem il-pasturi kellu forom ta' biċċiet mill-ġisem, bħal idejn, minkeb, ras, eċċ.; kien ikollu xemgħa u raża ġo borma fuq spiritiera ta' ftila waħda. Kien jiżbogħ il-forma b'xi żejt u jimliha; kif tkun għadha sħuna, jdaħħal tul ta' wajer fil-pastur xi żewġ pulzieri, u jħalli pulzier barra. Meta jimla l-forma kollha ta' ġisem il-bniedem, inaddaf il-membri mix-xtur, u jgħaqqadhom fix-xeħta li jrid, bħal rieqed, wieqaf, miexi, eċċ. Biex jgħaqqad kien isaħħan ftit il-biċċa wajer li jkun hemm barra, u kif tkun sħuna jdaħħalha bilmod fil-parti fejn imiss, jilwi kif irid u jagħti x-xeħta lill-pastur; jiġi qisu skeletru. Meta jwaqqfu, aktarx fuq biċċa kartuna ħoxna, jibda jlibbsu. Ixarrab biċċiet taċ-ċarruta fina f'taħlita ta' kolla tal-mastrudaxxa u ġibs ingliż u jlibbes bil-kostum Lhudi. Kien perfezzjonista. Wara li jħalli l-pastur jinxef, qisu ruħ bajda jew soru bla labtu, jagħti passata ġibs bil-kolla u jillixxa u jirranġa fejn jidhirlu meħtieġ. Żebgħa kien iħallat hu; terra d'ombra, minju, aħdar tat-tibjid, eċċ., fi ftit ilma u kolla. Fl-aħħar jimla l-għajnejn, id-dwiefer, iċ-ċinturin, it-terħa, il-ħorġa. il-fifra, eċċ. Kien idum iħares u jirtokka l-ħawn u l-hemm ġranet sħaħ. Kien ikollu dejjem f'rasu il-post fejn se jpoġġi l-pastur u jaħdimlu l-biċċa xena li tmiss miegħu, bħal taħt siġra (biċċa sagħtar), palma (zokk b'xi palm mdawwar bis-sogħda tas-siġġijiet), eċċ. Meta jkun lest ipoġġi kollox fuq xkaffa ħdejn oħrajn . In-nagħaġ, il-ħmar u l-iġmla kellu forom apposta għalihom; mhux kollha kienu jkunu daqs wieħed, minħabba l-perspettiva, il-kbar jitqegħdu fuq quddiem u z-għar lura, pasturi u bhejjem. In-nagħaġ kien jagħmilhom minn taħlita ta' ġibs verġni u frak ta' l-

irħam. Qabel ma jagħmilhom, kien jidlek il-forma minn ġewwa bis-sapun u l-ilma biex jinqalgħu mingħajr inkwiet. Kien iħallihom xi ġurnata fil-forma, u meta jaqlagħhom kien idurhom għaż-żejjed, u jnaddafhom sew bix-xafra. Is-saqajn tan-nagħaġ kienu jkunu ta' l-injam maħdumin minn qabel u mwaħħlin f'toqob apposta. Kellu xi nagħaġ mexjin; dawn saqajhom aktarx kienu tal-fildiferru. Kif għedt, kien jiżbogħ kollox b'sabar kbir u attenzjoni għad-dettall bl-akkwarella; ma nafx kienx jagħtihom ukoll xi lagħqa verniċ ħafifa.

Meta joqrob Settembru, Dun Manwel (il-kanonku) kien ibattallu l-kamra, u hu u jien nibdew nippustjaw l-ewwel xeni tal-ġnieb u ta' wara. Il-panneġġi tas-saqaf kien jagħmilhom minn karti ta' l-ixkejjer tas-siment. Kien jagħtihom passata ġibs Ingliż u wara jpinġI bl-akkwarella, kulur tat-tibjid u kolla, ix-xena li jrid; dawn aktarx kien jibdilhom kull sena. Kien jieħu mejda kbira tal-ping pong, ipoġġiha fuq quddiem, u jżidilha l-ġnub, il-fond u l-għoli b'xi biċċa blata tal-kartapesta jew xi ġebel rustiku. Fuq wara kien ipoġġi siġġijiet tas-sogħda, u magħhom iwaħħal xeni jew isammar xi belt li tkun preparata qabel. Fl-aħħar ipoġġi l-grotta, prominenti, dejjem fuq il-lemin. Kull sena kien iżid xi ħaġa magħha jew jibdel l-angolu. Meta kollox ikun f'loku, jgħaddi d-dawl elettriku, iwaħħal il-lampi kuluriti u jipprova d-dawl għad-dellijiet meħtieġa.

Kellu sienja *water-wheel* ħelwa ħafna u għolja xi pied, bir-razzett magħha. Din kienet trid l-ilma, għalhekk kien jgħaddi pajp tal-lastku mis-saqaf, jgħaddih taħt il-blat, u jqabbdu maż-żernuna tas-sienja. Dan kien imqabbat ma' bettija fil-kamra ta' fuq u l-ilma kien jinżel bil-gravita. Naturalment kellu vit isfel biex jagħlaq l-ilma. L-ilma kien jgħaddi jdawwar is-sienja, jgħaddi minn kanali, taparsi nixxiegħa, u jinżel ġo barmil taħt il-prespeju.

Kien iżejjen b'xi arkati, pontijiet u xi mitħna tar-riħ. Kellu mitħna sabiħa w perfetta; mhux ta' kafkaf! Kien iserrep it-triqat u l-mogħdijiet l-hawn u l-hemm, u jimla bir-ramel jew frak tas-sufra miżbugħin aħdar (ħaxix), iqiegħed is-saġħtar u l-palm , u meta kollox ikun floku kien iġib il-pasturi.

Aħna t-tfal konna mmorru l-wied niġbru l-ħażiż, minn dak li jitla' fuq il-blat, u dak il-ħaxix qisu *turf* . Konna niġbru wkoll xewk ta' l-isprag *(Asparagus aphyllus)*

biex jitpoġġa quddiem nett meta jkun lest kollox. Dan kien maħsub, biex meta t-tfal jiġu biex iżuru l-presepju "tal-kanonku" bi ħġarhom, (u anki l-kbar!), jekk kienu jitħajru jmissu xi nagħġa jixxewku. Kien Iġib il-pasturi u jibda jqiegħed, jew kien jgħid lili billi kont għadni żgħir u nidħol fl-irkejjen kollha, u jgħidli kif u minn fejn inqiegħed kull waħda. . . . . . "Ċaqlaq ftit dik il-ħmara, Ġuż . . . hekk aħjar . . . ressaq in-nagħaġ aktar il-quddiem għax jidhru l-bogħod wisq . . . " u hekk fl-aħħar naslu għall-grotta. Fil-għalqa tar-ragħaja indendlu xi anġlu. Kien jitgħaxxaq jarma il-grotta u miegħu nitgħaxxaq jien ukoll. Kellu sett ta' pasturi sabiħ; Bambin ikellmek, il-Madonna bilqegħda tħares ċass lejn Ġesu fil-maxtura u San Ġużepp aktarx mistgħaġeb donnu qed jgħid: " Imma din in-naqra ta' tarbija mgeżwra fil-ħreiqi hi Alla?" Ma jonqsux il-baqra u l-ħmara u xi żewġ nagħġiet. Ma' dawn kellu sett fuħħar ta' żmien Kristu, bħal borom, bwieqi, msiebaħ, qolol u bombli, u xkejjer (tat-tafal) bit-tagħam, u mas-saqaf xkaffa rixtellu u fuqha qatet tat-tiben. Fl-għerien xi baqra maqfula b'xatba taz-zkuk irqaq jew binmja ta' xi biċċa ħajt tas-sejjieħ u minn kull rokna ħierġa xi siġra jew pjuma tal-qasab miżbugħha bħaċ-ċipressa, u kwantita ta' siġar li ma nafx kif kien jivvintah!

Kollox floku, jwaħħal il-faċċata li kienet magħmula minn tliet arkati bil-"*Gloria in excelsis Deo"* mal-kartuna ħoxna miżbugħa. Kien jieħu ftit trab aħdar fuq karta u jonfoħ fuq il-blat biex jiġi qisu ħażiż. Wara kollox konna ndawwru x-xewk mal-faċċata u nixegħlu miċċu moħbi f'borma tal-fuħħar żgħira mimlija bil-qxur tal-lumi, larinġ u kannella għall-fwieħa . . .

(*) *Nota editorjali: Din il-kitba meħuda minn ittra miktuba lis-Sur J.F.Porsella Flores li jispjega li s-Sur Ellul qed jikteb dwar il-presepju ta' Dun Ġwann Porsella f'Hal Qormi fi żmien is-snin tletin. Dun Ġwann kien Viċi f'Hal Qormi sakemm miet fl-1939. Kien ukoll iz-ziju tas-Sur Porsella Flores.*

---